# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI (UE, EURATOM) 2015/1568 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

## tas-16 ta' Settembru 2015

## li taħtar imħallef fil-Qorti Ġenerali

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikoli 5 u 7 ta' Protokoll nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u wara r-riżenja tas-Sur Nicholas James FORWOOD li tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2015, għandu jinħatar imħallef fil-Qorti Ġenerali għall-bqija tal-mandat tas-Sur Nicholas James FORWOOD, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2019.

(2) Ġie propost is-Sur Ian Stewart FORRESTER għall-kariga li tbattlet.

(3) Il-kumitat stabbilit bl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-adegwatezza tas-Sur Ian Stewart FORRESTER għall-qadi tad-dmirijiet ta' mħallef fil-Qorti Ġenerali,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Ian Stewart FORRESTER huwa b'dan maħtur imħallef fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2015 sal-31 ta' Awwissu 2019.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2015.

*Il-President*

C. BRAUN